Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Maurice Curmi]

vs

Anthony Cilia

Kumpilazzjoni Numru: 853/14

Illum, 27 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Cilia detentur tal-karta tal-identita` numru 325278M

1) Akkuzat talli fid-09 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tas-02:00 ta' filghodu fil-Mellieha, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` lis-Surgent 419 Anton Buttigieg, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ai termini ta' l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, ai termini ta' l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew

vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenza, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, ai termini ta' l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, ai termini ta' l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li kien ikkunsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt, ai termini ta' l-artikolu 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, uza vettura bil-mutur fit-toroq meta ma kienx hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, ai termini ta' l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, skont il-ligi, ai termini ta' l-artikolu 338(ee), tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) U fl-ahharnett talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, ai termini ta' l-artikolu 338(bb), tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija , barra milli timponi piena skont il-Ligi, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 12) datata hdax (11) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw incident fejn l-imputat kien allegatament fis-sakra u dahal f'vettura ohra li kienet wieqfa peress li kienet involuta f'incident stradali. Wara li dahal f'tali vettura l-imputat allegatament spicca hebb ghal xi ufficcjali, offendihom u heddidhom.

Illi xehed **PC 979 Daniel Moore** li spjega li kien mar fit-Telgha ta' Selmun peress li kien hemm incident u beda jidderigi t-traffiku. Qal li certu Anthony Cilia spicca dahal bil-vettura tieghu fil-vettura li

kienet wieqfa. Zied li mar fuq is-sewwieq, u cioe` fuq l-imputat, biex jara jekk hux kollox sewwa u minflok l-imputat hareg, beda jidghi u dak il-hin ha over PS 419 li talab lill-imputat biex jaghmel *breathalyzer test*. L-imputat accetta mal-ewwel izda meta qalulu li t-test irid isir l-ghassa l-imputat beda jghid li jrid jaghmlu fuq il-post u meta qalulu li ma setax isir fuq il-post l-imputat ta daqqa ta' ponn lil PS 419 u tajjarlu l-beritta. Qal li hu flimkien ma' PS 419 ippruvaw jarrestaw lill-imputat li da parti tieghu beda jirrezisti, nizluh mal-art fejn beda jitkaxkar u jdur u sakemm irnexxielhom jarrestawh spicca barax rasu mat-tarmakk. Haduh l-ghassa tal-Hamrun u fit-triq kien qed jghajjarhom 'kornuti' u jheddidhom li ser itihom xebgha. It-test irrizulta li kien 89ug.

Inkontroezami meta x-xhud gie mistoqsi mid-difiza kif l-imputat tajjar il-beritta tas-surgent qal li ra moviment b'idu. Mistoqsi jekk laqatx il-beritta jew tah daqqa ta' ponn qal: "*laqtu f'din in-naha ta' hawn isfel.*"

Xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** li qal li l-imputat hareg mill-karozza jidghi u peress li xammu riha ta' alkohol riedu jiehduh l-ghassa biex jaghmel *breathalyser test* fejn l-imputat beda joffri ftit

rezistenza meta ppruvaw idahhluh fil-karozza. It-test irrizulta gholi u anki rrizulta li l-vettura ma kinitx koperta b'assigurazzjoni u ma kellhiex il-licenza mhallsa. L-Ispettur esebixxa c-certifikat mediku rigwardanti s-surgent, l-istqarrija tal-imputat u r-rifjut ghall-parir legali.

Inkontroezami l-Ispettur ikkonferma li l-vettura li kien qed isuq l-imputat irrizulta li ma kinitx tieghu u apparti minhekk qal li mhijiex procedura li minn Mellieha wiehed imur l-ghassa tal-Hamrun ghat-test pero` kien hemm xi tlieta li ma kinux qed jahdmu u allura spiccaw l-ghassa tal-Hamrun.

Xehed **PS 419 Anton Buttigieg** li qal li meta sema' lill-imputat, li huwa gharaf fl-awla, jghajjat u jidghi, avvicinah bil-prudenza u talbu biex jieqaf jidghi. Qal li baqa' ghaddej bil-kliem hazin u xamm riha qawwija ta' alkohol. L-imputat accetta li jaghmel test pero` ried jaghmlu fuq il-post u mhux l-ghassa. Huwa spjega li ma kellux test fuqu u meta rega' talbu biex jidhol fil-vettura tal-Pulizija l-imputat tah daqqa ta' ponn go rasu bil-konsegwenza li tajjarlu l-beritta. Flimkien ma' PC 979 irnexxielu jarresta lill-imputat li kien qed joffri rezistenza u eskortawh l-ghassa ta'

Hamrun fejn sarlu *breathalyser test*. Ir-rizultat tal-istess gie esebit bhala Dok. AB1. Qal li mic-certifikat mediku rrizulta li huwa sofra minn griehi hfief. Zied jghid li l-imputat, waqt li kien fil-vjagg maghhom lejn l-ghassa, beda jheddidhom li ser jifqalhom rashom u li ser ippattielhom.

Inkontroezami x-xhud qal li jaqbel li fejn sehh l-impatt kien fil-kurvatura izda ma kinitx *blind corner.* Mistoqsi jekk ghamlux xi sinjali li kien hemm vettura wieqfa qal li ghamlu l-*beacon lights* u dan gara fis-saghtejn ta' filghodu.

Xehed **Warden 147 Ronnie Azzopardi** li esebixxa *Traffic Accident Report* li gie esebit bhala Dok. RA1.

Xehed it-tabib **Dr. Valerio Vella Catalano** li kkonferma li fid-9 ta' Awwissu 2014 ezamina lil certu Anton Buttigieg fejn iccertifika li kien qed isofri minn griehi hfief. Huwa kkonferma c-certifikat esebit a folio 22.

Xehed ukoll **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta li qal li mir-ricerka li ghamel il-vettura ABL028 hija registrata fuq

certu Jonathan Farrugia u l-licenzja ta' l-istess kienet ilha skaduta mill-31 ta' Jannar 2013. Ix-xhud spjega li ma setax jaghti informazzjoni dwar l-assigurazzjoni stante li l-licenza kienet skaduta. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. SC1.

Xehed **Wayne Buttigieg** li spjega li cirka f'nofsilejl kien niezel in-nizla ta' Selmun fejn gie mwaqqaf mill-Pulizija peress li kien hemm habta. Jiftakar li giet karozza minn warajh fejn tah daqqa, habat rasu mal-*windscreen* u ma jafx x'gara wara. Qal li garrab xi hames mitt ewro hsarat izda dwar dan kien irranga mal-imputat. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Spjega li huwa kien fil-kantuniera u l-imputat baqa' diehel go fih. Mistoqsi jekk jiftakar xi battibekk, qal li huwa kien sturdut ghaliex habat rasu.

Xehed ukoll **l-imputat Anthony Cilia** li spjega li huwa dak iz-zmien kien qed jahdem bhala *chef* u l-incident gara wara l-hin tax-xoghol tieghu. Qal li kien xoghol f'*restaurant* gewwa l-Ghadira u kien qed juza l-vettura tar-ragel t'ohtu peress li tieghu kienet bi hsara. Spjega li qabez ir-*roundabout* tal-Belle View u huwa hu niezel in-nizla mal-ewwel kisra sab karozza ma' wiccu. Huwa qal li ma kienx hemm *barriers* jew sinjal qabel il-liwja u l-vettura li dahal fiha

kienet wieqfa. Wara li habat spjega li hareg mill-vettura u ra zewg Ufficjali tal-Pulizija gejjin fuqu u hemmhekk qalilhom "*ma taghmlux naqra sign?*" L-imputat kompla jghid hekk: "*jien kont mahsud u forsi dehret naqra aggressive il-bicca tax-xoghol, imma ma kinitx kif instemghet fil-verita `.*" L-imputat baqa' jinsisti li vera li taret il-beritta izda huwa ma ghamel xejn b'sens ta' aggressjoni -"*Bl-onesta` kollha voldieri. Accidentalment vera waqghet il-beritta, imma mhux b'aggressjoni.*" Qal li dak il-hin inhasad kif gew fuqu izda m'ghamel xejn b'aggressjoni. Spjega li huwa kien qed jahdem sittax-il siegha kuljum u spicca ha zewg tazzi inbid. L-imputat qal li ma kienx ra jekk il-vettura kellhiex l-assigurazzjoni u l-licenzja mhallsa peress li l-interess tieghu dak il-hin kien li jasal ix-xoghol fil-hin u allura qabad u ha vettura mill-garaxx ta' ohtu. Rega' spjega li huwa nhasad x'hin ra liz-zewg Pulizija gejjin ghal fuqu u dak il-hin ma jafx jekk laqatx il-beritta waqt li kien qed jistaqsi fuq is-sinjal, izda anki jekk laqtu ma kienx "*b'aggressjoni jew intensjonata*". Fuq suggeriment tal-Qorti l-imputat qal li huwa kien gholla jdejh waqt li kien qed jistaqsihom kif m'ghamlux *signs* fit-triq. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni x'diskors intqal l-imputat xehed li meta qalilhom li m'ghamlux sinjali fit-triq il-Pulizija haduha kontrih u mbaghad gew biex jaghmlulu l-

manetti u dak il-hin beda jistaqsihom ghalfejn qed jaghmlulu hekk. Mistoqsi jekk qalx kliem offensiv jew oxxen irrisponda: *"ux e … jekk thares lejn ir-reputazzjoni tieghi."* Mistoqsi x'gara x'hin qalulu li ghandu riha ta' xorb qal li huwa kkoopera. Mistoqsi jekk ippretenda li t-test isir fuq il-post u jekk kien qed jirrezisti l-Pulizija qal: "*le jiena kkooperajt sa fejn naf jien.*" L-imputat ikkonferma li l-vettura kienet tar-ragel t'ohtu u ma kienx jaf li ma kellhiex *insurance* u lanqas ma ccekkja. Mistoqsi mill-avukat difensur tieghu x'jaghmel jekk zbalja mal-Pulizija qal: *"niskuza ruhi … miljun fil-mija.*"

Xehdet **Ilze Ciantar** li qalet li kienet passiggiera mal-imputat dakinhar tal-incident. Qalet li kien fit-tard wara x-xoghol u kienu qed isuqu fin-nizla ta' Selmun u malli daru mal-*blind corner* habtu ma' vettura li kienet diga` habtet f'vettura ohra. Qalet li ma kien hemm l-ebda sinjali fit-triq u meta gibdet l-attenzjoni tal-Pulizija dwar dan ma hadux pjacir. Qalet li l-imputat ukoll beda jigbdilhom l-attenzjoni izda l-Ufficjali tal-Pulizija ma hadux gost u staqsewh biex johrog mill-vettura u beda jistaqsihom ghalfejn. Dak il-hin il-Pulizija fethu l-bieba tieghu u kaxkruh barra mill-karozza, poggewh mal-art, ghamlulu jdejh wara daru u haduh maghhom.

Ziedet tghid li l-Pulizija qalulha biex issuq il-vettura u meta qaltilhom li ma kellhiex licenzja tas-sewqan qalulha biex toqghod kwieta u ma tghid xejn. Qalet li dan kollu gara cirka s-siegha jew saghtejn ta' filghodu u kien hemm zewg impjegati ohra wara fil-vettura tal-imputat. Stqarret li ssorprendiet ruhha kif il-Pulizija lanqas biss raw jekk kellhiex bzonn ambulanza peress li ntlaqtet bl-impatt tal-incident. Fuq domanda tad-difiza x-xhud ikkonfermat li l-incident gara f'kantuniera tan-nizla ta' Selmun. Meta giet mistoqsija jekk l-imputat ta daqqa lill-Pulizija qalet: *"I didn't see. I saw that the Police jumped on his back and they put his hands behind his back. That's all I saw."*

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel zewg akkuzi jittrattaw l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` offizi kontra ufficjali pubblici.

L-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku u ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati

biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita';*

*avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Illi l-Qorti tinnota li mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li waqt li kienu fi triqithom lejn l-ghassa tal-Hamrun, l-

imputat beda jghajjar lill-ufficcjali 'kornuti' u jheddidhom li ser itihom xebgha.

Haduh l-ghassa tal-Hamrun u fit-triq kien qed jghajjarhom 'kornuti' u jheddidhom li ser ithom xebgha. Dan gie kkonfermat minn ufficjal iehor li qal li waqt li l-imputat kien fil-vjagg maghhom lejn l-ghassa, beda jheddidhom li ser jifqalhom rashom u li ser ippattielhom.

Illi ghalhekk l-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi l-Artikolu 96 imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma l-ufficcjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghall-kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo jghid is-segwenti:

> *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".*

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku".*

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Professur Mamo fil-fatt ikompli jghid:

> *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may*

*be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Dan ir-rekwizit gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Zahra fejn intqal:

*"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi fil-kaz in ezami PS 419 qal li l-imputat tah daqqa ta' ponn go rasu bil-konsegwenza li tajjarlu l-beritta. PC 979 li kien hemmhekk dak il-hin qal li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-PS 419 u tajjarlu l-

beritta. Mistoqsi aktar dettalji mid-difiza qal li ra moviment b'idu. Mistoqsi jekk laqatx il-beritta jew tah daqqa ta' ponn qal: "*laqtu f'din in-naha ta' hawn isfel.*" L-Ispettur Maurcie Curmi pero` ma jsemmi xejn minn dan kollu. L-imputat, min-naha l-ohra, baqa' jinsisti waqt ix-xhieda tieghu li huwa minnu li taret il-beritta izda huwa ma ghamel xejn b'sens ta' aggressjoni -"*Bl-onesta` kollha voldieri. Accidentalment vera waqghet il-beritta, imma mhux b'aggressjoni.*" Il-Qorti temmen li l-beritta taret bhala konsegwenza ta' xi forma ta' rezistenza fil-mument tal-arrest izda ma temminx li l-imputat ried jolqot lill-ufficjal u lanqas hemm prova konkreta li fil-fatt kien hemm l-intendiment li jolqtu bi vjolenza. Di fatti l-Qorti ma thossx li kien hemm forma ta' attakk u ghalhekk din l-akkuza ma tistax tissussisti.

Illi t-tielet akkuza hija ampjament ippruvata u dan ghaliex kif spjega r-rapprezentant ta' Trasport Malta, Stephen Cachia, il-licenzja tal-istess vettura kienet ilha skaduta mill-31 ta' Jannar 2013 u dan kif jirrizulta minn Dok. SC1 li jinsab esebit a folio 62 tal-atti processwali. Il-Qorti pero` mhijiex tal-fehma li l-imputat kien qed isuq bi traskuragni jew b'mod perikoluz ghaliex huwa kien

isuq fil-karreggjata tieghu meta wara l-kisra sab karozza wieqfa u ghalhekk kien difficli ghalih li jevita l-istess.

Illi r-raba' u l-hames akkuza jittrattaw is-sewqan taht l-infuwenza tax-xorb.

Illi certament l-fatt li l-ufficcjali qalu li l-imputat kellu riha ta' xorb mhijiex bizzejjed ghall-Qorti biex hija tkun konvinta oltra kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed isuq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Ma hemm l-ebda prova ohra f'dan is-sens; di fatti l-ufficjali qatt ma rrimarkaw per ezempju li l-imputat ma setax jimxi dritt jew li kien qed ixengel 'l hemm u 'l hawn. Apparti minhekk il-fatt li habat mal-vettura ta' quddiemu ma jistax jinghad li dan gara ghaliex kien xurban. Ghall-kuntrarju johrog car li l-kolluzjoni grat propju ghaliex l-imputat sab vettura wieqfa mal-liwja tan-nizla ta' Selmun. Ghalhekk il-Qorti thoss li ma hemmx provi sodisfacenti sabiex din l-akkuza treggi.

Illi ghar-rigward il-hames akkuza l-Qorti tinnota li l-Artikolu 15B jirrikjedi prova li l-persuna tkun ikkunsmat tant alkohol li l-

proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mil-limitu preskritt. Mill-atti processwali jirrizulta illi din il-prova hija evidenzjata b'test tan-nifs li r-rizultat tieghu jinsab esebit bhala Dok. DM1 a folio 19 tal-atti processwali fejn jidher car li r-rizultat jeccedi l-limitu preskritt mill-ligi.

Illi ghar-rigward is-sitt akkuza, u cioe` li l-imputat ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, il-Qorti tinnota li Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Trasport Malta, spjega li ma setax jaghti informazzjoni dwar l-assigurazzjoni stante li l-licenzja kienet skaduta. L-unika prova li tohrog mill-atti processwali f'dan is-sens hija x-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi fejn qal li rrizultalu li l-vettura ma kinitx koperta b'assigurazzjoni u ma kellhiex il-licenza mhallsa. L-Ispettur pero` ma esebixxa xejn f'dan is-sens u certament dak li xehed jammonta biss f'*detto del detto* u ghalhekk il-prova regina ghal din l-akkuza hija mankanti.

Il-Qorti tirrileva li s-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza huma assorbiti fl-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 338(ee) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat Anthony Cilia hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi dedotti kontrih filwaqt li s-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sena (1) kif ukoll ghal multa ta' tmien mitt ewro (€800), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi stante nuqqas ta' provi.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**